**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Novembru 2008 (14.01)**
**(OR. en)**

**15929/08**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2008/0223 (COD)**

**ENER 398**
**ENV 850**
**CODEC 1592**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Il-Kummissjoni |
| data: | 17 ta' Novembru 2008 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

Mehmuż: COM(2008) 780 finali

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.11.2008
KUMM(2008) 780 finali

2008/0223 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-prestazzjoni ta' l tal-enerġija tal-bini**

**(riformulazzjoni)**

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2008) 2864}
{SEC(2008) 2865}

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. L-għan

L-għan tar-riformulazzjoni tad-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini[1], minn hawn 'il quddiem "DPEB", huwa li jiġu ċċarati u ssimplifikati ċerti dispożizzjonijiet, jitwessa' l-ambitu tad-Direttiva, jissaħħu xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha sabiex l-impatt tagħhom ikun aktar effettiv, u jiġi pprovdut għar-rwol ewlieni tas-settur pubbliku. B'hekk, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-DPEB għandha tiġi ffaċilitata u jkun jista' jinħasad porzjon sinifikanti tal-potenzjal kosteffiċjenti li jkun fadal fis-settur tal-bini . Fl-istess ħin, jinżammu l-għanijiet u l-prinċipji tad-Direttiva attwali u jerġa' jitħalla f'idejn l-Istati Membri jiddeterminaw il-modi u r-rekwiżiti konkreti għall-implimentazzjoni tagħha bħal qabel.

### 1.2. L-għanijiet ta' politika tal-UE u s-settur tal-bini

F'Jannar 2007, il-Kummissjoni pproponiet pakkett komprensiv għall-klima u l-enerġija[2] li jinkludi miri ta' 20-20-20 % tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u sehem akbar ta' għejun tal-enerġija li tiġġedded sal-2020. Dan intlaqa' u ġie approvat mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007. Dawn il-miri ġew adottati fid-dawl ta' evidenza xjentifika dejjem tikber dwar il-bidla fil-klima, flimkien ma' prezzijiet għolja tal-enerġija u d-dipendenza dejjem tikber fuq l-importazzjoni tal-enerġija u r-riperkussjonijiet ġeopolitiċi tagħha. It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija jista' b'mod ċar jagħti kontribut importanti lill-ilħiq ta' dawn il-miri. Is-settur tal-bini joffri bosta opportunitajiet għall-azzjoni li huma ta' nfiq effettiv, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għall-benessri taċ-ċittadini tal-UE.

Is-settur tal-bini – jiġifieri, bini residenzjali u kummerċjali – huwa l-akbar utent tal-enerġija u l-akbar emittent ta' $CO_2$ fl-UE u huwa responsabbli għal madwar 40 % mill-konsum ta' enerġija u emissjonijiet tas-$CO_2$ finali totali fl-UE. Is-settur għandu potenzjal sinifikanti li għadu mhux sfruttat għall-iffrankar tal-enerġija bi nfiq effettiv li, jekk jitwettaq, jista' jfisser li fl-2020 l-UE tikkonsma 11 % inqas enerġija finali. Dan imbagħad jissarraf f'għadd ta' benefiċċji, bħal ħtiġijiet enerġetiċi mnaqqsa, dipendenza inqas fuq l-importazzjoni tal-enerġija u anqas impatt fuq il-klima, kontijiet tal-enerġija inqas għoljin, żieda fl-impjiegi u t-tħeġġiġ ta' żvilupp lokali.

Il-bini essenzjalment jikkorrispondi għall-ħtiġijiet u l-preferenzi taċ-ċittadini kollha Ewropej fl-ambjenti speċifiċi tagħhom, u huwa għalhekk meqjus bħala kwistjoni ewlenija ta' kompetenza tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. Fl-istess ħin, il-prodotti, l-apparat u s-servizzi marbuta mal-bini huma parti importanti mis-suq intern tal-UE, u daż-żminijiet bosta ħaddiema u negozji mhumiex limitati għal pajjiż wieħed biss. Barra minn hekk, is-settur tal-bini huwa kruċjali għalbiex jintlaħqu l-għanijiet enerġetiċi u klimatiċi bl-inqas spiża possibbli għall-individwi u s-soċjetà fil-pajjiżi kollha, u huwa sinifikanti l-valur miżjud tal-isforzi komuni. Dan ikompli jiġġustifika l-azzjoni fuq il-livell tal-UE.

---

[1] ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65-71.
[2] COM (2007) 1.

## 2. DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNITARJI EŻISTENTI

### 2.1. Id-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini

Id-DPEB hija l-għodda ġuridika ewlenija tal-Komunità li tipprovdi għal approċċ ħolistiku lejn l-użu effiċjenti tal-enerġija fis-settur tal-bini. L-għan tad-DPEB huwa l-promozzjoni tat-titjib, bi nfiq effettiv, tal-prestazzjoni tal-enerġija kumplessiva tal-bini. Id-dispożizzjonijiet tagħha jkopru l-ħtiġijiet enerġetiċi għall-ispazju u l-misħun, it-tberrid, il-ventilazzjoni u t-tidwil għal bini ġdid u eżistenti, residenzjali u mhux. Bosta mid-dispożizzjonijiet eżistenti japplikaw għall-bini kollu, ikun xi jkun id-daqs tagħhom u jekk humiex għal użu residenzjali jew le. Xi dispożizzjonijiet japplikaw biss għal tipi speċifiċi ta' bini. Id-Direttiva tgħaqqad, f'test legali, diversi strumenti regolatorji (bħar-rekwiżit li l-Istati Membri jistipulaw rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija għal bini ġdid u eżistenti li jgħaddi minn tiġdid mill-kbar) u strumenti bbażati fuq l-informazzjoni (bħal ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija, l-ispezzjoni tar-rekwiżiti tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja).

Id-DPEB ma tiffissax il-livelli għal madwar l-UE, imma teħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw rekwiżiti konkreti u mekkaniżmi rilevanti. Għalhekk, tqis għal kollox u bis-sħiħ il-kundizzjonijiet tal-fruntieri nazzjonali/reġjonali, bħall-klima ta' barra u t-tradizzjonijiet individwali tal-bini. L-Istati Membri jistgħu jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati fid-Direttiva u jkunu aktar ambizzjużi. Kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tad-DPEB, iżda issa t-22 Stat Membru qed jiddikjaraw traspożizzjoni sħiħa (li qed tiġi evalwata mill-Kummissjoni). Waħda mill-kontribuzzjonijiet ewlenin tad-DPEB s'issa kienet li daħħlet fl-aġenda politika l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini, l-integrazzjoni tagħha fil-kodiċijiet tal-bini u għall-attenzjoni taċ-ċittadini.

### 2.2. Strumenti regolatorji oħrajn

Minbarra d-DPEB, hemm għadd ta' Direttivi oħra li jittrattaw aspetti oħra tal-enerġija fil-kuntest tal-bini, eż. id-Direttiva dwar l-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija (2005/32/KE)[3], id-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni (2004/8/KE)[4], id-Direttiva dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija (2006/32/KE)[5], u d-Direttiva proposta dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn għejun li jiġġeddu[6]. Dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-bini jinstabu wkoll fid-Direttiva dwar il-prodotti għall-bini (89/106/KEE)[7]; u fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli[8].

Minkejja li dawn id-Direttivi mhumiex espliċitament imsemmija fil-proposta, billi din mhijiex prassi legali, huma parti inseparabbli ta' ġabra ta' għodod għall-promozzjoni ta' bini sostenibbli u għall-użu ta' stokk tal-bini fl-UE, u l-Istati Membri għandhom ukoll iqisuhom meta jkunu qed jiżviluppaw il-politiki tagħhom għas-settur.

3 ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29-58.
4 ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50-60.
5 ĠU L 191, 22.07.2005, p. 29-58.
6 COM(2008) 30.
7 ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12-26.
8 COM(2008) 397/3.

### 2.3. Hemm bżonn aktar azzjoni?

Minkejja l-azzjonijiet li diġà ttieħdu, jibqa' mhux sfruttat potenzjal kbir ħafna għall-iffrankar tal-enerġija bi nfiq effettiv. Dan ifisser li ħafna mill-benefiċċji potenzjali soċjali, ekonomiċi u ambjentali fuq livell nazzjonali u tal-UE mhumiex qed jiġu sfruttati għalkollox. Dan huwa dovut għall-kumplessità tas-settur u l-eżistenza ta' xi fallimenti tas-suq, iżda wkoll minħabba xi limitazzjonijiet fil-kitba u l-ambitu ta' xi dispożizzjonijiet tad-DPEB attwali u l-livell baxx tal-ambizzjoni għall-implimentazzjoni tagħha minn xi Stati Membri.

## 3. Il-Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati u l-Valutazzjoni tal-Impatt

### 3.1. Konsultazzjonijiet, ġbir ta' dejta u l-użu ta' għarfien espert

Il-proposta għar-riformulazzjoni tad-DPEB ġiet żviluppata abbażi ta' firxa wiesgħa ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u mill-partijiet interssati, li ġew ipprovduti f'diversi okkażżjonijiet inkluż waqt konsultazzjoni pubblika fuq l-internet. Saret analiżi komprensiva tal-impatti tal-alternattivi varji proposti billi tqiesu l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

### 3.2. Il-Valutazzjoni tal-Impatt

Il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI) wriet biċ-ċar li r-reviżjoni tad-DPEB hija l-azzjoni x-xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet politiċi tal-UE. Id-Direttiva attwali se tkun il-punt tat-tluq u se tifforma 'is-sinsla'. Madankollu, irid jiġi enfasizzat illi s-soluzzjoni tinstab f'tagħqida integrata ta' strumenti ta' politika. Għalhekk, huma meħtieġa miżuri oħra mhux regolatorji, anki jekk mhumiex biżżejjed waħidhom, sabiex jikkumplimentaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva. B'hekk, iridu jitkomplew u jiġu żviluppati aktar l-isforzi għall-għoti ta' aktar informazzjoni, taħriġ ta' esperti u qbil dwar azzjonijiet volontarji. Barra minn hekk, huma neċessarji sforzi sabiex jiġu implimentati inċentivi finanzjarji u fiskali fuq il-livell ix-xieraq sabiex jiġi inkoraġġit użu effiċjenti tar-riżorsi.

Il-VI ikkonkludiet li bosta aspetti tad-DPEB għandhom jiġu indirizzati f'żewġ modi. L-ewwelnett, irid jiġi ċċarat l-kliem ambigwu. Ġie ssuġġerit ukoll l-użu tar-riformulazzjoni (vs l-emendar). It-tieni, għandhom jissaħħu l-pilastri ewlenin tad-Direttiva attwali (ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija għal bini ġdid u bini eżistenti kbir li jgħaddi minn tibdil u tiġdid kbir; iċ-ċertifikat dwar il-prestazzjoni tal-enerġija; u l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja). L-alternattivi mistħarrġa fi ħdan kull pilastru jinkludu tagħqida ta' strumenti politiċi u jinkludu wkoll alternattivi mhux regolatorji. Dan jista' jippermetti li jiġi sfruttat il-potenzjal tad-DPEB attwali u jitwessa' l-impatt tagħha.

L-impatt totali minimu tal-alternattivi identifikati bħala tal-akbar benefiċċju u għalhekk meqjusa għall-inklużjoni f'din il-proposta ta' riformulazzjoni, u li għalihom kienet possibbli l-kwantifikazzjoni, huwa wieħed sinifikanti:

- Iffrankar tal-enerġija b'60 sa 80 Mtoe fis-sena sal-2020, jiġifieri 5-6 % tal-enerġija finali tal-UE fl-2020;
- Iffrankar ta' $CO_2$ ta' 160 sa 210 Mt fis-sena sal-2020, jiġifieri 4-5 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-UE fl-2020;

– 280 000 (sa 450 000) impjieg ġdid potenzjali, l-aktar fis-settur tal-bini, ċertifikaturi u awdituri tal-enerġija u spetturi tas-sistemi tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja. Jiġu wkoll stimulati impjiegi ġodda minħabba l-ħtieġa għal prodotti, komponenti u materjal użat jew installat f'bini bi prestazzjoni aħjar (dawn ma ġewx ikkwantifikati fil-VI).

Ir-rekwiżiti għall-investiment u l-ispejjeż amministrattivi huma relattivament baxxi mqabbla mal-benefiċċji u r-redditu. Pereżempju, it-tneħħija tal-limitu ta' 1000 $m^2$ tal-Artikolu 6 tad-DPEB attwali tista' twassal għal investimenti kapitali addizzjonali ta' € 8 biljun fis-sena, iżda wkoll għall-iffrankar fl-ispiża tal-enerġija ta' € 25 biljun fis-sena sal-2020, li jfisser ukoll spejjeż negattivi konsiderevoli ta' taffija tas-$CO_2$. Dawn il-kalkoli saru abbażi ta' stimi konservattivi dwar il-prezzijiet taż-żejt.

Ir-rewkiżiti tal-investiment mhumiex imqassma ndaqs fost iċ-ċittadini tal-UE. Dan ifisser li se jkun hemm spejjeż addizzjonali għal dawk li jagħmlu tibdiliet kbar lill-bini tagħhom jew inkella huma involuti fi tranżazzjonijiet immobbiljari. Madankollu, bil-prezzijiet għoljin tal-enerġija, dawn l-investimenti tal-bidu jiġġeneraw redditu interessanti u jaslu biex inaqqsu l-kontijiet tal-enerġija. Dan se jkollu effetti pożittivi diretti u indiretti fl-ekonomija kollha.

Il-benefiċċji kumplessivi għas-soċjetà f'termini ta' tnaqqis ta' konsum ta' enerġija u għalhekk tnaqqis ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ u inqas dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija, flimkien mal-gwadann f'dak li għandu x' jaqsam mal-ħolqien ta' impjiegi, saħħa tajba u l-produttività tax-xogħol jagħmlu tajjeb bil-kbir għall-ispejjeż tal-miżuri analizzati. L-investimenti fuq iffrankar tal-enerġija li jħallas il-prezz tiegħu stess billi jagħmel effiċjenti l-użu tal-enerġija primarja wkoll ikabbru l-benessri.

Madankollu, xi wħud mir-rekwiżiti jafu jkunu ta' piż għal xi familji bi dħul baxx. It-titjib tal-kwalità tal-bini huwa mod importanti ta' kif wieħed jista' jasal għal soluzzjonijiet għaż-żmien fit-tul għall-problemi tal-kontijiet għoljin tal-enerġija u għal kwalità tal-ħajja aħjar, u miżuri oħra għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri għandhom jintużaw sabiex jgħinu li dawk li għandhom dan it-tip ta' bżonn. Id-Direttiva riveduta issostni l-każ għal għodod ta' finanzjament immirati. Pereżempju, tipprovdi l-bażi għall-irbit tat-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija inklużi fir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċertifikat mal-inċentivi finanzjarji.

Id-dokument ippubblikat tal-VI u l-annessi tiegħu jagħtu tagħrif dettaljat dwar l-alternattivi varji meqjusa u l-impatt tagħhom, kif ukoll il-metodoloġija għall-evalwazzjoni tagħhom.

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-awtoritajiet tal-Istati Membri, fit-tweġibiet tagħhom għal kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni għar-reviżjoni, stmaw li l-implikazzjonijiet baġitarji li joħorġu mid-Direttiva mhumiex sostanzjali wisq. Barra minn hekk, l-impatt amministrattiv huwa moderat. It-tnaqqis tal-konsum mhux produttiv tal-enerġija primarja fis-settur tal-bini se jwassal għal tnaqqis fin-nefqa għall-familji, in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi li jimmaniġġjaw u jużaw dan il-bini. Il-benefiċċji ekonomiċi u monetarji se jkunu ogħla mill-ispejjeż addizzjonali għat-twettiq tal-investiment għall-iffrankar tal-enerġija. L-ispejjeż u l-investimenti amministrattivi meħtieġa huma diskussi fid-dettall fid-dokument tal-VI. Ma ġewx identifikati spejjeż sostanzjali għall-baġit tal-Komunità.

Ir-rekwiżiti mtejba jżidu l-volum tax-xogħol tal-Kummissjoni u jeħtieġu aktar persunal (bejn wieħed u ieħor tliet uffiċjali full-time).

## 5. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

### 5.1. Sinteżi tal-azzjoni proposta

Fil-proposta, jinżammu l-għanijiet u l-prinċipji ewlenin tad-DPEB attwali, u r-rwol tal-Istati Membri fl-iffissar tar-rekwiżiti konkreti jibqgħu l-istess ukoll bħal fid-DPEB attwali. Il-piżijiet amministrattivi jinżammu għall-minimu, iżda jiġu żvilppati sabiex jinkiseb il-massimu tal-effett. Huwa kruċjali li d-DPEB attwali tiġi implimentata sew u fil-ħin. Il-proposta m'għandhiex tkun skuża sabiex tiddewwem l-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali. Il-proposta tiċċara, issaħħaħ u testendi l-ambitu tad-dispożizzjonijiet attwali tad-DPEB billi:

– Tintroduċi l-kjarifika tal-kliem ta' ċerti dispożizzjonijiet;

– Testendi l-ambitu tad-dispożizzjonijiet li jeħtieġu lill-Istati Membri jiffissaw rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija meta jkun se jsir tibdil kbir fil-bini;

– Issaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija, l-ispezzjonijiet tas-sistemi tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija, l-informazzjoni, u esperti indipendenti;

– Tipprovdi lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati bi strument ta' kalkolu tal-limiti, sabiex tkun tista' titqabbel l-ambizzjoni għar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija determinati nazzjonalment/reġjonalment ma' livelli ta' spiża ottimali;

– Tħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw oqfsa għal użu akbar min-naħa tas-suq ta' enerġija b'karbonju baxx jew żero;

– Tħeġġeġ involviment aktar attiv tas-settur pubbliku sabiex jagħti eżempju li jkaxkar.

### 5.2. Il-bażi ġuridika

L-effiċjenza tal-enerġija tal-bini għandha rwol importanti fil-politika ambjentali tal-Komunità. Għalhekk, id-DPEB attwali ġiet ibbażata fuq l-Artikolu 175(1) tat-Trattat tal-KE. Dan jibqa' mhux mibdul.

### 5.3. Id-dritt tal-UE li taġixxi, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

L-istrumenti dwar l-effiċjenza tal-enerġija adottati fuq il-livell tal-UE jirriflettu l-importanza dejjem tikber tal-enerġija bħala sfida politika u ekonomika u l-interrelazzjoni sfiqa mal-oqsma tal-politika tal-provvista tal-enerġija, it-tibdil fil-klima, is-sostenibbiltà, l-ambjent, is-suq intern, u l-iżvilupp ekonomiku.

Is-settur tal-bini huwa responsabbli għal madwar nofs l-emissjonijiet tas-$CO_2$ li mhumiex koperti mill-Iskema tal-Iskambju tal-Emissjonijiet u għandu potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis tas-$CO_2$ bi spejjeż tat-taffija negattivi jew żero. Il-karatteristiċi tas-settur tal-bini jillimitaw ir-rata tal-gwadanni tal-effiċjenza tal-enerġija. Il-prodotti tal-kostruzzjoni, l-apparat u s-servizzi marbuta mal-bini huma parti importanti mis-suq intern tal-UE. Mingħajr assigurazzjoni li s-swieq madwar l-UE huma stabbiliti fis-sod u għat-tul, x'aktarx li n-negozji ma jweġbux fil-pront għad-domanda dejjem tikber għas-servizzi tal-effiċjenza tal-enerġija. Barra minn hekk, bil-mobbiltà dejjem tiżdied tal-ħaddiema u b'għadd ta' negozji b'operazzjonijiet madwar l-UE, il-miżuri li joħolqu aktar kundizzjonijiet regolatorji nazzjonali komparabbli jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv u jżidu l-opportunitajiet biex dawn jiggwadanjaw fil-produttività.

L-għanijiet tal-effiċjenza tal-enerġija s'issa ma setgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri weħidhom, u l-azzjoni fuq il-livell Komunitarju huwa meħtieġ biex jiffaċilita u jappoġġa l-użu ta' attivitajiet fuq livell nazzjonali. L-elementi ewlenin tad-DPEB attwali tqiesu fil-kuntest tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u l-prattika wriet li dan l-approċċ huwa xieraq. Fit-test propost, ġew osservati ż-żewġ prinċipji. L-enfażi huwa fuq l-istabbiliment ta' metodu komuni li joħloq il-bażi għal mekkaniżmi koerenti u li jsaħħu lil xulxin għat-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija, filwaqt li fl-istess ħin l-Istati Membri jżommu l-kontroll fuq l-iffissar tar-rekwiżiti individwali u l-modi kif jiġu implimentati.

## 5.4. L-għażla tal-istrument ġuridiku

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini hija parti mill-Istrateġija tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, b'mod partikulari l-Pjan ta' Azzjoni "Inħaffu u ntejbu l-ambjent regolatorju" [titlu mhux uffiċjali][9]. Qed jiġi propost li tintuża t-teknika tar-riformulazzjoni billi ttejjeb il-fehim u tħaffef il-qari tagħha.

# 6. IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA

Saru għadd ta' modifiki lit-test, xi wħud minnhom adattamenti, kjarifiki u tiswijiet minuri, filwaqt li oħrajn jipprovdu għall-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda. Tal-aħħar huma deskritti hawn taħt.

**Preambolu**

Xi premessi ġew aġġornati jew adattati.

**Art. 1. Is-suġġett**

Iddaħħlet referenza biex tindika rekwiżiti ġodda għal: (i) pjani nazzjonali għaż-żieda tal-għadd tal-bini li għandu emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-konsum tal-enerġija primarja li huma baxxi jew xejn, u (ii) sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-rapport ta' spezzjoni.

**Art. 2. Definizzjonijiet**

Ġew introdotti kjarifiki għal bosta termini u żdiedu definizzjonijiet ġodda kull fejn kienu meħtieġa.

**Art. 3. Adozzjoni tal-metodoloġija**

It-test huwa adattat u d-dettalji tekniċi li kien fih tressqu għall-Anness I.

**Art. 4. Iffissar tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija**

Bħalissa, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-enerġija, kif stabbiliti mill-Istati Membri, ivarjaw konsiderevolment fil-livell tal-ambizzjoni tagħhom, u xi wħud minnhom għadhom 'il bogħod mil-livelli ta' spiża ottimali. Dan ifisser li f'bosta kostruzzjonijiet u xogħlijiet kbar ta' tibdil,

9 COM/2002/0278 finali

qed tintilef opportunità għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija b'mod ekonomiku u għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija futuri.

It-test ġie mmodifikat sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini kif stipulati mill-Istati Membri jiġu gradwalment pari passu mal-livelli tal-ispiża ottimali. Ġie propost approċċ f'erba' stadji:

(1) L-Istati Membri għandhom jiffissaw ir-rekwiżiti tagħhom billi jużaw il-metodoloġija ta' kalkolu tagħhom bil-għan li jaslu għall livelli tal-ispiża ottimali żviluppati minnhom;

(2) Il-Kummissjoni se tiżviluppa metodoloġija komparattiva u l-Istati Membri se jkollhom jużawha għal għanijiet ta' tqabbil biss u għandhom jirrappurtaw ir-riżultati kif deskritt fl-Art. 5 isfel;

(3) Mit-30 ta' Ġunju 2014, l-Istati Membri mhumiex se jkunu jistgħu jkomplu jipprovdu inċentivi għall-bini jew it-tibdil u t-tiġdid tal-bini li ma jikkonformax mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija li jiksbu r-riżultati tal-kalkolu komparattiv deskritt fl-Art. 5;

(4) Mit-30 ta' Ġunju 2017, l-Istati Membri, meta jirrevedu r-rekwiżiti minimi tagħhom tal-prestazzjoni tal-enerġija, għandhom jiżguraw li dawk ir-rekwiżiti jiksbu r-riżultati tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 5(2).

**Art. 5. Il-kalkolu tal-livelli tal-ispiża ottimali tar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija**

Il-metodoloġija komparattiva msemmija fuq tkun tikkonsisti minn metodoloġija ta' kalkolu żviluppata mill-Kummissjoni li tqis kriterji ta' spiża effettiva skont il-fatturi varjabbli (bħall-ispejjeż tal-investiment, l-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni, inklużi l-ispejjeż tal-enerġija). L-Istati Membri jkunu mitluba jużaw din il-metodoloġija sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti tal-ispiża ottimali billi jużaw fatturi varjabbli determinati minnhom. Ir-riżultati għandhom imbagħad jitqabblu mar-rekwiżiti attwali stabbiliti fl-Istat Membru, u b'hekk jiġi indikat b'mod ċar kemm ir-rekwiżiti nazzjonali joqorbu għal-livelli tal-ispiża ottimali.

*L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-fatturi varjabbli speċifikati, ir-riżultati tal-kalkolu komparattiv u t-tqabbil mar-rekwiżiti stipulati mill-Kummissjoni, li tippubblika rapporti dwar il-progress.*

**Art. 6. Bini ġdid**

L-obbligu biex jiġu kkunsidrati sistemi alternattivi għall-bini ġdid huwa estiż għall-bini kollu. Dan ikabbar l-ambitu tad-DPEB u jsostni l-miri tal-UE dwar l-għejun tal-enerġija li tiġġedded.

Għalkemm mhux iddikjarat, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni tas-sistemi alternattivi trid timxi mar-rekwiżiti taħt id-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (COM(2008) 19 finali).

L-Artikolu 6(2) qed jiżdied sabiex jiġi żgurat li l-analiżi tas-sistemi alternattivi titwettaq *de facto* u b'mod trasparenti.

**Art. 7. Bini eżistenti**

Tħassar il-limitu ta' 1000 m[2] għall-ilħiq tar-rekwiżiti minimi nazzjonali/reġjonali tal-prestazzjoni tal-enerġija meta l-bini jgħaddi minn tibdil maġġuri. Dan il-limitu fid-DPEB attwali jeskludi 72 % tal-istokk tal-bini li għandu potenzjal eċċellenti bi spiża effettiva ta' potenzjal ta' ffrankar ta' enerġija. Huwa ċar li l-aħjar mument għall-introduzzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija huma meta l-bini jgħaddi minn tibdil kbir (bejn wieħed u ieħor kull 25-40 sena). B'dan il-mod, il-ħtiġijiet addizzjonali tal-investiment mhumiex għoljin u, minħabba l-iffrankar tal-enerġija, dawn jitħallsu fi żmien ħajjet il-miżuri.

Id-definizzjoni ta' 'tibdil kbir' tinżamm u tissaħħaħ billi titressaq mill-preambolu għall-Artikolu 2. Għalhekk, l-investiment għandu jkun ta' aktar minn 25 % tal-valur sħiħ tal-bini, minbarra l-art, eż. il-valur attwarju, jew aktar minn 25 % tal-kumpless tal-binja li jgħaddi minn tibdil u tiġdid strutturali.

**Art. 8. Sistemi tekniċi tal-bini f'bini eżistenti**

Huma inklużi rekwiżiti għall-Istati Membri biex jistabbilixxu rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija għal istallazzjoni ta' sistemi tekniċi tal-bini ġodda jew is-sostituzzjoni tagħhom, jew maġġuri ta' dawn is-sistemi. Dawn għandhom ikunu konsistenti mal-leġiżlazzjoni applikabbli lill-prodotti li jagħmlu s-sistema, u għandhom ikunu bbażati fuq stallazzjoni proprja tal-komponenti tas-sistemi u l-aġġustar u d-dimensjonar xieraq tagħhom. Dan jimmira għall-iżgurar ta' effiċjenza aħjar ta' sistemi sħaħ. Dan huwa meħtieġ għaliex jekk l-elementi individwali ta' sistema jkunu effiċjenti ħafna, u ma jkunux installati jew aġġustati sew, l-effiċjenza tas-sistema sħiħa tista' ma tkunx waħda għolja.

**Art. 9. Il-bini li għandu sew l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju sew il-konsum tal-enerġija primarja baxxi jew żero**

L-Istati Membri huma mitluba jippromwovu attivament użu akbar min-naħa tas-suq ta' bini bħal dan permezz tal-produzzjoni ta' pjani nazzjonali b'definizzjonijiet ċari u miri għall-użu tagħhom. L-Istati Membri għandhom jagħtu xhieda tar-rwol ewlieni tal-awtoritajiet pubbliċi fit-twaqqif ta' miri speċifiċi għall-bini okkupat minnhom. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi prinċipji komuni għad-definizzjoni ta' dan il-bini skont informazzjoni mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress tal-Istati Membri u abbażi ta' dan tiżviluppa strateġija u, jekk hemm bżonn, aktar miżuri.

**Art. 10. Ċertifikat dwar il-prestazzjoni tal-enerġija**

Ir-rwol tar-rakkomandazzjonijiet taċ-ċertifikat huwa msaħħaħ u ċċarat billi jiġi enfasizzat li għandhom ikunu parti indispensabbli miċ-ċertifikat u billi jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandu jkollhom.

**Art. 11. Il-ħruġ taċ-ċertifikati dwar il-prestazzjoni tal-enerġija**

Ir-rekwiżiti relatati mal-ħruġ taċ-ċertifikat huma riformulati sabiex jiġi żgurat li ċ-ċertifikati jingħataw kull meta jkun hemm tranżazzjoni ta' proprjetà u x-xerrej jew l-okkupant prospettiv jiġu mgħarrfa bil-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (jew tal-partijiet tiegħu) fi stadju bikri (fir-riklami tal-bejgħ/kiri).

Qed jiddaħħal rekwiżit li jekk l-erja utli totali ta' aktar minn 250 m[2] ta' bini tkun okkupata minn awtoritajiet pubbliċi, għandu jinħareġ ċertifikat sal-31 ta' Diċembru 2010.

**Art. 12. Il-wiri taċ-ċertifikati dwar il-prestazzjoni tal-enerġija**

Qed jitwessa' l-ambitu tal-obbligu tal-wiri taċ-ċertifikat: jiġifieri, jekk l-erja utli totali ta' bini okkupata minn awtorità pubblika jew miżjura frekwentament mill-pubbliku tkun ta' aktar minn 250 $m^2$, iċ-ċertifikat għandu jintwera f'post prominenti viżibbli għall-pubbliku b'mod ċar. Għal tal-aħħar, ir-rekwiżit għandu jkun impost biss jekk iċ-ċertifikat ikun diġà disponibbli.

**Art. 13. Spezzjoni ta' sistemi tat-tisħin**

Qed jiddaħħlu kjarifiki dwar il-frekwenza tal-ispezzjonijiet sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tal-proporzjonalità bejn l-ispejjeż tal-ispezzjoni u l-iffrankar antiċipat tal-enerġija (benefiċċji) stimulati mill-ispezzjoni.

Qed jiddaħħal rekwiżit għal sistema indipendenti ta' kontroll għar-rapporti ta' spezzjoni, jiġifieri wara verifiki tal-kwalità permezz ta' kampjunar aleatorju.

**Art. 14. Spezzjoni ta' sistemi tal-arja kkundizzjonata**

Bħal fl-Art. 13, kjarifika dwar il-frekwenza tal-ispezzjonijiet.

**Art. 15. Rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja**

Qed jiddaħħal ir-rekwiżit li rapport ta' spezzjoni jgħaddi għand is-sid jew l-okkupant ta' bini, sabiex jiġu mgħarrfa b'mod xieraq dwar ir-riżultati tal-ispezzjoni u r-rakkomandazzjonijiet għal titjib bi spiża effettiva.

**Art. 16. Esperti indipendenti**

Qed jiżdied rekwiżit li, fil-proċess tal-akkreditazzjoni, jitqiesu l-ħiliet operattivi u tekniċi tal-esperti li jwettqu ċ-ċertifikazzjonijiet u l-ispezzjonijiet u l-ħila tagħhom li jwettqu s-servizz b'mod indipendenti.

Fil-preżent, xi Stati Membri jillimitaw l-akkreditazzjoni tal-esperti għal gruppi jew kumpaniji professjonali speċifiċi, li ma jiggarantix il-kompetenza tagħhom u jżomm professjonisti tas-sengħa oħrajn, bħal pereżempju ESCOs u aġenzi tal-enerġija, milli jidħlu fis-suq, ħaġa li tillimita l-kompetizzjoni.

**Art. 17. Sistema tal-kontroll indipendenti**

Qed jiddaħħal rekwiżit għal sistema tal-kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u għar-rapporti dwar l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-ikkundizzjonar tal-arja, jiġifieri permezz ta' verifiki aleatorji tal-kwalità.

Iċ-ċertifikati u r-rapport tal-ispezzjoni għandhom jiġu rreġistrati, jekk ikun hekk mitlub.

**Art. 18. Reviżjoni**

Aġġornata.

**Art. 19. Informazzjoni**

L-Istati Membri huma mitluba jipprovdu informazzjoni lis-sidien jew l-okkupanti tal-bini dwar iċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u l-ispezzjoni tas-sistemi tat-tisħin u l-ikkundizzjonar tal-arja. Waqt l-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali, sar ovvju li l-popolazzjoni mhix dejjem konxja tar-rwol u l-valur miżjud tagħhom. Jekk dan ma jinftehimx u ċ-ċertifikati jiġu ttrattati biss bħala rekwiżit amministrattiv addizzjonali, l-impatt potenzjali pożittiv ma jitwettaqx. Għalhekk, kull kampanja kumplessiva ta' informazzjoni għandha tingħata bidu mill-Istati Membri.

**Art. 20. Adattament tal-Anness I għall-progress tekniku**

Adattat.

**Art. 21. Kumitat**

Immodifikat skont l-adattamenti tal-proċedura regolatorja bi skrutinju.

**Art. 22. *Penali***

L-Istati Membri huma mitluba jistipulaw u jimplimentaw regoli applikabbli bħala tweġiba għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-DPEB. Il-multa tista' tiddependi mill-konsum tal-enerġija, jew id-domanda għall-enerġija tal-bini ċertifikat/il-qawwa nominali effettiva tas-sistema tat-tisħin/l-ikkundizzjonar tal-arja.

It-test huwa simili għall-Artikolu 20 (Penali) tad-Direttiva 2005/32/KE.

**Art. 23. Traspożizzjoni**

Id-dati tat-traspożizzjoni huma aġġustati sabiex l-Istati Membri ikollhom ħin biżżejjed biex jittrasponu (il-31 ta' Diċembru 2010) u jimplimentaw għalkollox (il-31 ta' Jannar 2012) id-dispożizzjonijiet ġodda/riveduti. Sabiex jissaħħaħ ir-rwol importanti tas-settur pubbliku biex ikaxkar bl-eżempju, l-iskadenza tal-awtoritajiet pubbliċi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni hija iqsar (il-31 ta' Diċembru 2010).

**Art. 24. Revoka**

Imdaħħla sabiex ikun hemm distinzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-DPEB attwali u r-riformulazzjoni tagħha.

**Art. 25. Dħul fis-seħħ**

Adattat.

**Art. 26.**

L-ebda bidla.

**Anness I**

Huwa importanti li ssir stima tal-impatt 'reali' tal-operat tal-bini fuq il-konsum totali tal-enerġija u fuq l-ambjent, u għalhekk għandhom jintużaw indikatur primarju tal-enerġija u indikatur tal-emissjonijiet tas-$CO_2$.

Id-dejta dwar il-prestazzjoni annwali tal-enerġija għandha tintuża għall-valutazzjoni sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tal-użi differenti tal-enerġija tul is-sena u sabiex id-domanda għat-tberrid tiġi inkorporata aħjar.

Saret referenza għall-istandards Ewropej sabiex tappoġġa l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji għall-kalkolu tar-rekwiżiti minimi nazzjonali/reġjonali tal-prestazzjoni tal-enerġija.

**Anness II**

Jipprovdi deskrizzjoni ta' sistemi tal-kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tal-prestazzjoni tal-enerġija u rapporti ta' spezzjoni.

**Anness III**

Miżjud kif rikjest fl-Artikolu 23.

**Anness IV**

Tabella ta' korrelazzjoni.

↓ 2002/91 (adattat)

2008/0223 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-prestazzjoni ~~ta' l~~ tal-enerġija tal-bini**

(riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL~~TA' L~~-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 175(1) tiegħu~~miġjub fih~~,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⌦ Ewropew ⌫ [10],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[12],

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini[13] ġiet emendata[14]. Billi għandhom isiru aktar emendi sostantivi, id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

↓ 2002/91 premessa 1 (adattat)

~~(1) L-Artikolu 6 tat-Trattat jitlob li rekwiżiti dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tal-Komunità.~~

[10] ĠU C […], […], p. […].
[11] ĠU C [...], [...], p. [...].
[12] ĠU C [...], [...], p. [...].
[13] ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.
[14] Ara l-Anness IV, Parti A.

🡻 2002/91 premessa 2

(2) Ir-riżorsi naturali, skontskond l-użu prudenti u razzjonali msemmi fl-Artikolu 174 tat-Trattat, jinkludu prodotti taż-żejt, gass naturali u karburanti solidi, li huma sorsi essenzjali ta' enerġija però huma wkoll is-sorsi ewlenin ta' ħruġ ta' dijossidu tal-karbonju.

🡻 2002/91 premessa 3

Effiċjenza akbar fl-enerġija tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta' politika u miżuri meħtieġa sabiex ikunu konformi mal-Protokoll ta' Kyoto u għandhom jidhru fi kwalunkwe pakkett ta' politika.

⇩ġdid

(3) It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fis-settur tal-bini jikkostitwixxi parti importanti mill-miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-konformità mal-Protokoll ta' Kjoto tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u ma' impenji Ewropej u internazzjonali oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra wara l-2012. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għandu wkoll sehem importanti fil-promozzjoni tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, l-iżvilupp teknoloġiku u l-għoti ta' opportunitajiet għall-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali, speċjalment f'żoni rurali.

🡻 2002/91 premessa 4 (adattat)

(4) L-aAmministrazzjoni ⌦ tad-domanda ⌫ rrelatata mat-talba għall-enerġija hija għodda importanti sabiex il-Komunità tkun tista' tinfluwenza s-suq globali tal-enerġija u b'permezz ta' hekk is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fuq tul ta' żmien medju u twil.

🡻 2002/91 premessa 5 (adattat)
⇨ ġdid

(5) 30 ta' Mejju 2000 u tal-5 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill adotta il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija u talab għal miżuri speċifiċi fis-settur tal-bini.

⇩ġdid

(5) Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 saħaq dwar il-ħtieġa li titkabbar l-effiċjenza tal-enerġija fil-Komunità sabiex jintlaħaq l-għan tat-tnaqqis b'20 % tal-konsum tal-enerġija tal-Komunità sal-2020 u sejjaħ għal implimentazzjoni bir-reqqa u rapida tal-prijoritajiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' Azzjoni għall-

Effiċjenza tal-Enerġija: it-Twettiq tal-Potenzjal" [titlu mhux uffiċjali][15]. Dan il-Pjan ta' Azzjoni identifika l-potenzjal sinifikanti għal iffrankar tal-enerġija bi spiża effettiva fis-settur tal-bini. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008, sejjaħ għat-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/91/KE.

---

🡻 2002/91 premessa 6 (adattat)

(6) Is-settur residenzjali u terzjarju, li l-biċċa l-kbira tiegħu huwa bini ⌦ binjiet ⌫ , jikkostitwixxi aktar minn ⌦ madwar ⌫ 40 % tal-konsum finali ta' l-enerġija fil-Komunità u qed jiżdied, tendenza li għandha twassal għal żieda fil-konsum ta' l-enerġija u għaldaqstant għal daqs tant ⌦ fl-emissjonijiet ⌫ fil-ħruġ tal-dijossidu tal-karbonju.

---

🡻 2002/91 premessa 7 (adattat)

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 sabiex ikun limitat il-ħruġ ta' diossidu tal-karbonju billi tkun imtejba l-effiċjenza ta' l-enerġija (SAVE) [5], li jitlob li l-Istati Membri jiżviluppaw, jimplimentaw u jirrapportaw dwar programmi fil-qasam ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija fis-settur tal-bini, qiegħed issa juri ċerti benefiċċji importanti. Madankollu, jinħass il-bżonn ta' strument legali sabiex ikun hemm aktar azzjoni konkreta ⌦ Jeħtieġ li jiġu stabbiliti aktar azzjonijiet konkreti ⌫ sabiex jintlaħaq ikun milħuq il-potenzjal ⌦ enormi ⌫ mhux realizzat biex ma jkunx hemm ħela ta' enerġija ⌦ għall-iffrankar tal-enerġija fil-binjiet ⌫ u jitnaqqsu jkunu mnaqqsa d-differenzi kbar fir-riżultati ta' l-Istati Membri f'dan is-settur.

---

🡻 2002/91 premessa 8

(8) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prodotti tal-kostruzzjoni [6] titlob li xogħlijiet ta' kostruzzjoni u s-sistemi ta' sħana, frisk u ventilazzjoni installati għandhom ikunu diżinjati u mibnija b'tali mod li l-enerġija meħtieġa tkun baxxa, wara li jkunu kkunsidrati l-kondizzjonijiet klimatiċi tal-lokalità u ta' dawk ta' ġo fiha.

---

🡻 2002/91 premessa 9 (adattat)
⇨ ġdid

(8) Miżuri oħra sabiex tkun imtejba l-prestazzjoni ta' l-enerġija għandhom iqisu l-kondizzjonijiet klimatiċi u lokali kif ukoll l-ambjent klimatiku ta' ġewwa u ⌦ l-ispiża effettiva ⌫ l-ġestjoni u ta' spejjeż b'mod effettiv. ⌦ Dawn il-miżuri m'għandhomx jeffettwaw ⌫ M'għandhomx jiksru rekwiżiti essenzjali oħra dwar bini bħall-aċċessibbiltà, prudenza ⇨ is-sikurezza ⇦ u l-użu maħsub ta' dak il-bini.

---

[15] COM(2006) 545 finali.

↓ 2002/91 premessa 10 (adattat)

(9) Il-prestazzjoni enerġetika tal-bini għandha tkun ikkalkolata fuq il-bażi ta' metodoloġija, li tista' tkun iddifferenzjata fuq livell ⌦ nazzjonali u ⌫ reġjonali, ⌦ u ⌫ li tinkludi, flimkien mal- ⌦ karatteristiċi ⌫ ~~iżolament~~ termali, fatturi oħra li għandhom rwol ~~jilgħabu parti~~ dejjem aktar importanti bħal istallazzjonijiet tat-tisħin u tal-arja kkundizzjonata ~~tisħin u installazzjoni ta' arja kkondizzjonata~~, l-applikazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli, ⌦ elementi ta' tisħin u tberrid passiv, dell, kwalità tal-arja ta' ġewwa, dawl naturali adegwat ⌫ u d-diżinn tal-bini. ⌦ Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-enerġija m'għandux ikun ibbażat biss fuq l-istaġun meta jkun meħtieġ it-tisħin, iżda għandu jkopri l-prestazzjoni tal-enerġija annwali tal-bini. ⌫

↓2002/91 premessa 22 (adattat)

(10) ⌦ L-Istati Membri għandhom jiffissaw rekwiżiti minimi għall-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ffissati bil-għan li jintlaħaq bilanċ bi spiża ottimali bejn l-investimenti involuti u l-ispejjeż tal-enerġija ffrankati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini ⌫. Għandu jkun hemm provvediment għal possibilità ⌦ li l- ⌫ ~~li tkun adottata malajr il-metodoloġija ta' kalkulazzjoni u għall-~~Istati Membri ~~sabiex~~ regolarment jirrevedu r-rekwiżiti minimi ⌦ tagħhom ⌫ ~~fil-qasam~~ tal-prestazzjoni tal~~ta' l-~~enerġija ⌦ għall-bini ⌫ fejn jidħol il-progress tekniku~~, fost l-oħrajn, fejn jidħlu l-propjetajiet (jew il-kwalità) ta' insulazzjoni tal-materjal tal-kostruzzjoni, u għal żviluppi futuri fl-istandardizzazzjoni~~.

⇩ġdid

(11) Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat. Għalhekk, il-kunċett ta' inċentiv użat f'din id-Direttiva m'għandux jiġi interpretat bħala li jinkludi għajnuna mill-Istat.

